MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1446/2002/1

**Deborah Delceppo**

**Vs**

**Marco Micallef**
**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta Gunju 2002 fejn intalab li l- konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur likwidat ta danni li ma ghandhomx jeccedu s-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) kawzati f'incident stradali li sehh fid-29 ta Dicembru 2001 gewwa Bormla bejn vettura numru JAG 575 proprjeta tal-attrici u dik numru AAA 094 misjuqa mill-konvenut ghal liema ncident inti kont unikament responsabbli.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kontra l-istess konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta verbal datat 7 ta Marzu 2003, l-attrici tramite l-konsulent legali taghha rriduciet il-valur tat-talba taghha ghas-somma ta elf lira.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 27 ta Marzu 2003 fejn gew kontestati t-talbiet attrici peress li jallega li hu ma kienx jahti ghall-imsemmi ncident u rriserva li jikkontesta wkoll il-kwantum fil-mument opportun oltre riserva ohra ghal prezentata ta eccezzjonijiet ohra.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ra n-nota ta osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi skond il-verzjonijiet tas-sewwieq kif rappurtati mis-surgent tal-pulizija a fol 38 et seq tal-process jidher li hemm konflitt bejniethom dwar kif sehh l-incident in kwistjoni. Illi ghalkemm iz-zewg sewwieqa jaqblu li t-tnejn li huma kienu sejrin fl-istess direzzjoni miexjin fi Triq San Nikola fid-direzzjoni ta Ghajn Dwieli u ghalkemm jaqblu wkoll li l-attrici kienet miexja fuq quddiem u l-konvenut fuq wara, filwaqt li l-attrici tallega li l-konvenut habat go fiha u tnejn tkaxkru ghal fuq il-bankina tal-gemb hekk kif il-konvenut kien qed jaghmel manuvra biex jissorpassha u dahal go fiha, l-konvenut jirribatti li l-impatt sehh peress li l-attrici qabdet f’habta u sabta taghmel manuvra ta u-turn quddiemu. Illi jigi notat li ghalkemm il-konvenut jallega li kien ghaddej bi speed ta 20km/h, dan ma jreggix meta tqis kif spiccaw jitkaxkru z-zewg vetturi sakemm waqfu mahbutin mal-hajt tal-gemb u anqas ma jista jitqies kredibbli fuq dan il-fattur meta is-surgent indika brake marks ta hdax il-metru li halliet warajha l-vettura tieghu (a fol 32).

Fl-affidavit taghha l-attrici tikkonferma fl-intier il-verzjoni rappurtata a tempo vergine mis-surgent filwaqt li tichad li hija ghamlet jew ipprovat taghmel manuvra ta u-turn kif allegat mill-konvenut. Tispjega wkoll meta l-konvenut kien qed jaghmel manuvra biex jissorpassha, huwa kien kompletament wrong side u kien ghalhekk li nhasad u gibed ghal fuqha meta lemah vettura ohra gejja mid-direzzjoni opposta. Clive Grech li kien riekeb passiggier mal-attrici filwaqt li jikkonferma fis-sustanza l-verzjoni

taghha, jghidilna wkoll li l-konvenut kien gej bi speed qawwi fil-manuvra tieghu ta sorpass.

Illi skond Dok DD3 gie ppruvat li l-vettura tal-attrici giet dikjarata mill-assikurazzjoni tal-konvenut li l-vettura taghha kienet "beyond economical repair" u li kellha pre-accident value ta Lm800 u wreck value ta Lm250 b'kollox kwindi Lm1050.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut jallega li l-attrici ghamlet il-manuvra f'salt ta u-turn meta ftit qabel kien raha wieqfa. Din il-parti tax-xhieda tieghu tikkontrasta sew ma dik moghtija minnu originarjament lill-pulizija fejn kien gie rappurtat li qal li "jiena kont ghaddej……wara vettura nru JAG 575. A tempo vergine mkien ma qal li l-vettura tal-attrici kien raha wieqfa qabel ma ghamlet il-u-turn ghalkemm jallega li lis-surgent kien semmielu dan il-fatt. Fin-nota ta osservazzjonijiet, il-konvenut jargumenta li d-dinamika tal-incident kif muri fuq l-iskizz a fol 32 tal-process huwa prova cara tal-kredibbilita tal-verzjoni minnu moghtija stante li l-iskid marks tieghu u kif iz-zewg vetturi baqghu jitkaxkru lejn il-lemin tat-triq flok xellug huma ndikattivi tal-manuvra tal-u-turn adoperata mill-attrici. It-tribunal fuq dan pero jinnota wkoll li (1) l-brake marks tal-konvenut huma ndikattivi ta sewqan mhux daqstant diligenti f'dawk l-akkwati; (2) l-impatt bejn iz-zewg vetturi kienet go forma ta tkaxkira gemb ma gemb bejniethom (cioe kif rakkontat mill-attrici) u mhux impatt bejn vettura li kienet qed taghmel u-turn ma dik li kienet gejja warajha (kif allegat mill-konvenut). Il-verzjoni kif moghtija minn dan ta l-ahhar kienet thalli hsara iktar frontali fuq il-vettura tieghu u hsara aktar fuq il-gemb kollu fuq il-vettura tal-attrici – oltre ghall-fatt li ma kienux jispiccaw b'simili tkaxkira flimkien izda kienu jiehdu trajjetorji differenti wara l-impatt (jobzqu lil xulxin) x'aktarx b'dik tal-attrici kienet iddur fuqha nfisha ghala darba tnejn qabel ma tistrieh ma x'imkien.

Illi jigi rilevat ukoll li in segwitu tax-xhieda moghtija mill-konvenut kemm l-attrici kif ukoll l-gharus taghha u s-surgent tal-pulizija baqghu fidili lejn il-verzjoni minnhom moghtija in ezami meta sarilhom il-kontro-ezami.

Illi jigi rilevat ukoll li baqghet ma saret ebda kontestazzjoni formali fuq il-kwantum tad-danni apparti l-fatt li l-assikrazzjoni tal-konvenut stess ikkonfermat hsara fl-ammont ta Lm1050 inkluz ir-wreck value tal-vettura ghalkemm l-attrici qed tillimita t-talba taghha ghal valur ta Lm1000. Jigi hawn osservat pero li ma saritx il-prova quddiem dan it-Tribunal x'sar mill-vettura u ghalhekk wiehed qed jassumi li din baqghet fil-pussess tal-attrici in mankanza ta prova kontrarja.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li fuq il-meritu tal-kaz, isib li l-verzjoni moghtija mill-konvenut ma hiex attendibbli filwaqt li dik tal-attrici hija ferm verosimili u tinsab korroborata kemm mill-gharus taghha kif ukoll mir-rapport u skizz tal-pulizija li xehed f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Marco Micallef kien unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni kwindi jichad l-eccezzjonijiet minnu sollevati u konsegwentement ghalhekk jilqa t-talbiet attrici u filwaqt li jillikwida d-danni minnha sofferti fl-ammont ta tmien mitt lira (Lm800) a tenur tad-dokument minnha esebit u markat Dok DD3, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata ta tmien mitt lira (Lm800) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------